# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 9**
**Rikors maħluf numru 9/2017 AF**

**FIMBank p.l.c. (C17003)**

**v.**

**Klesch Group Limited (C41548)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju 2017 li ċaħad talba tal-konvenuta għal sejħa ta' terzi fil-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi kienet tat faċilità bankarja ta' kreditu sal-ammont ta' seba' miljun u ħames mitt elf euro (€7,500,000) lil terzi – is-soċjetà *Leali Steel spa* –, u għal dan daħlet garanti s-soċjetà konvenuta. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim l-attriċi avanzat sitt miljuni, disa' mija u tlieta u disgħin elf, disa' mija u erbatax-il euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu

(€6,993,914.97) lil *Leali Steel spa*. Ġara iżda illi *Leali Steel spa* ma tistax trodd is-self u għalhekk l-attriċi daret fuq il-konvenuta bħala garanti biex tħallas. Billi lanqas il-konvenuta ma ħallset, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-dejn flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

3. Il-konvenuta ressqet eċċezzjonijiet, fost oħrajn, illi l-kitba tal-garanzija ma tiswiex, u illi l-attriċi mxiet *in mala fide* u ippreġudikat id-drittijiet ta' surroga tal-konvenuta. Imbagħad, b'rikors tal-1 ta' Marzu 2017, il-konvenuta talbet is-sejħa fil-kawża ta' *Leali Steel spa*. L-attriċi wieġbet fis-16 ta' Marzu 2017 u opponiet għat-talba. B'dikriet tat-12 ta' Ġunju 2017, li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati fil-kuntest hija abbundanti u kostanti. Huwa ritenut illi:
>
> > »"Il-prinċipju ewlieni li għandu jitqies huwa li l-imsejjaħ fil-kawża, b'differenza minn dak li jkun indaħal fil-kawża minn rajh *in statu et terminis*, jitqies bħallikieku kien imħarrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza mogħtiia f'dik il-kawża jista' jinħeles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawża inħarġet mill-bidu nett kontrieh;
> >
> > »"Illi s-sejħa fil-kawża … għandha l-għan li tevita li jkun hemm għadd ta' kawżi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistgħu jitqiegħdu f'ġudizziu wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom.
> >
> > »"Illi l-qorti għandha tordna s-sejħa fil-kawża jekk il-persuna li tagħha tintalab din is-sejħa jkollha dak l-interess li huwa meħtieġ mil-liġi f'persuna biex minnu tista' tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzioni."
>
> »*Inoltre* kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża Farrugia *v.* Fava (18 ta' Mejju 1995):
>
> > "L-istitut tal-kjamat fil-kawża ma jistax jiġi applikat, m'għandux ikun hemm rikors għalih, fil-każijiet fejn il-ġudizzju jkun diġà integru bil-preżenza fil-kawża tal-konvenut u fejn ir-responsabbilità tal-konvenut *vis-à-vis* l-attur hija indubitata indipendentement minn xi relazzioni [li] jista' jkollu hu ma' ħaddiehor li kwantu l-attur jibqa' terz, forsi interessat, li però miegħu ma jkunx hemm relazzioni ġuridika."

»Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, din il-qorti ssib li l-ġudizzju huwa preżentement perfettament integru u għalhekk fil-kuntest ta' integrità tal-ġudizzju ma tinħtieġx is-sejħa tas-soċjetà *Leali s.p.a.*

»*Inoltre*, u f'għajnejn din il-qorti aktar u aktar rilevanti, huwa l-fatt li r-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn il-bank attur u l-konvenuta hija kompletament differenti u teżisti indipendement minn dik ta' bejn il-bank u s-soċjetà li tagħha qed tintalab is-sejħa.

»It-talbiet tal-bank attur fil-kawża preżenti jistgħu jiġu biss diretti lejn is-soċjetà konvenuta. Is-sejħa fil-kawża tas-soċjeta *Leali* twassal biss biex twarrab il-kawża mill-binarji li fuqha qiegħda msejsa.

»Għaldaqstant il-qorti għal dawn ir-raġunijiet taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba ta' *Klesch Group Limited* għas-sejha fil-kawza ta' *Leali Steel S.p.a.*

»L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.«

4. Il-konvenuta appellat b'rikors tas-16 ta' Ġunju 2017 li għalih l-attriċi wieġbet fit-18 ta' Lulju 2017.

5. Fl-ewwel aggravju l-konvenuta tgħid illi, kontra dak li qalet l-ewwel qorti, il-fatt illi l-ġudizzju huwa ġà integru ma huwiex ta' ostaklu għas-sejħa fil-kawża. Biex issaħħaħ dan l-argument tistrieħ fuq din is-silta minn sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-8 ta' Jannar 2010 *in re* <u>*Bank of Valletta p.l.c. v.* Anna Calleja *et*</u>:

»Issa, huwa minnu … li l-ġudizzju f'dan il-każ huwa integru u ma kienx hemm għalfejn li tiddaħħal fil-kawża l-kumpannija assikurattriċi, imma jibqa' l-fatt … li l-kjamata fil-kawża ma tiġix akkolta biss biex jiġi integrat il-ġudizzju imma hemm raġunijiet oħra, illum aċċettati mill-qrati tagħna, għaliex tista' tiġi milqugħa talba simili. L-istitut tal-kjamata in kawża jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali, fosthom u prinċipalment dik li jintegra l-ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi wħud minnhom ikunu tħallew barra. Iżda jservi wkoll biex jissalvagwarda d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx iġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza tagħha; tista' sservi anke b'mod aktar ġenerali għal dik li komunament tissejjah "l-ekonomija tal-ġudizzju". Ġie *inoltre* aċċettat li terza persuna tista' tiġi kjamata fil-kawża anke biex sempliċement titfa' dawl fuq il-fatti. L-interess, f'dak il-każ, jista' ikun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawża, mingħajr ma jiġi kundannat jew liberat, jiżviluppa r-raġunijiet tiegħu favur jew kontra l-attur.«

6. L-attriċi ttenni l-argument dommatiku illi "kontrarjament għal dak allegat minn *KGL* [is-soċjetà konvenuta], sabiex tintlaqa' talba għas-sejħa fil-kawża għandu jiġi provat minn min jagħmel it-talba li, mingħajr is-sejħa, il-ġudizzju tal-qorti mhux ser ikun integru".

7. Għandha raġun il-konvenuta meta tgħid illi s-sejħa fil-kawża ma sservix biss għall-integrità tal-ġudizzju u, b'żjieda mar-raġunijiet mogħtija fis-silta miġjuba fuq mis-sentenza <u>Bank of Valletta p.l.c. v. Anna Calleja *et*</u>, jingħad illi s-sejħa fil-kawża tista' ssir ukoll fl-interess tal-konvenut għall-għanijiet tad-dritt ta' regress favur it-terz.

8. Fil-każ ta' garanzija l-art. 1958 igħid illi:

> »**1958.** Il-garanti jista' jagħti kontra l-kreditur l-eċċezzjonijiet kollha li jista' jagħti d-debitur prinċipali, u li huma mgħaqqdin mad-dejn; iżda ma jistax jagħti dawk l-eċċezzjonijiet li jkunu għal kollox personali għad-debitur «

9. Jekk il-garanti jonqos li jressaq eċċezzjoni li setgħet tressqet, bis-saħħa ta' din id-disposizzjoni, fil-kawża li jagħmel kontrieh il-kreditur, u minħabba f'hekk jiġi kundannat iħallas, dan ikunlu ta' preġudizzju fil-kawża ta' regress li wara jagħmel kontra d-debitur ewlieni, jekk dan juri illi, kieku tressqet dik l-eċċezzjoni (li ma tkunx waħda personali għalih) fil-kawża li għamel il-kreditur kontra l-garanti, il-kawża kienet tintrebaħ mill-garanti.

10. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa', ukoll għax, kif tkompli tgħid il-konvenuta fit-tieni aggravju, l-ewwel qorti qalet ħażin mela qalet illi "r-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn il-bank attur u l-konvenuta hija kompletament differenti u teżisti indipendement minn dik ta' bejn il-

bank u s-soċjetà li tagħha qed tintalab is-sejħa". Għalkemm huwa minnu dak li tgħid l-attriċi fit-tweġiba tagħha illi hemm kemm relazzjoni bejn il-kreditur u l-garanti u relazzjoni oħra, differenti, bejn il-kreditur u d-debitur oriġinali – u, nistgħu nżidu ngħidu, hemm ukoll relazzjoni bejn id-debitur ewlieni u l-garanti – madankollu ma huwiex għalkollox korrett li jingħad li r-relazzjonijiet jeżistu "indipendentement" minn xulxin, għax ir-relazzjoni bejn il-kreditur u l-garanti tiddependi minn dik bejn il-kreditur u d-debitur ewlieni tant illi jekk id-dejn ewlieni jintemm bis-saħħa ta' eċċezzjoni li jista' jressaq id-debitur ewlieni (sakemm ma tkunx eċċezzjoni personali għalih) il-garanzija wkoll tista' tintemm bl-istess eċċezzjoni meta jressaqha l-garanti.

11. Bil-maqlub, ladarba d-dejn effettivament huwa wieħed – b'mod li l-kreditur ma jistax jitħallas darbtejn għax meta jitħallas id-dejn ewlieni tintemm wkoll il-garanzija – jekk tiġi miċħuda l-eċċezzjoni l-kundanna għall-ħlas tista' ssir kemm kontra d-debitur ewlieni u kemm kontra l-garanti jekk it-tnejn ikunu parti fil-kawża, u għalhekk ma hemm xejn xi jżomm lid-debitur ewlieni milli jkun hu wkoll konvenut fil-kawża, ladarba jista' jiġi kundannat iħallas l-istess dejn li qiegħda tiġi msejħa biex tħallas is-soċjetà konvenuta (għalkemm bħala garanti) fil-kawża tallum.

12. Dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell.

13. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar id-dikriet tat-12 ta' Ġunju 2017 u tordna li tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà *Leali Steel spa*. L-

atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex tinstema' l-kawża wara s-sejħa fil-kawża u n-notifika relativa.

14. L-ispejjeż tal-ewwel grad jiġu regolati fis-sentenza finali, iżda l-ispejjeż ta' dan l-appell tħallashom is-soċjetà attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm